## Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

### IL-PULIZIJA (SPETTUR RACHEL AQUILINA) V. REDEEMER CAUCHI (KI. 239097M)

### MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**14/01/2025**

IL-QORTI,

Rat l-imputazzjonijiet segwenti li nħarġu kontra l-imputat:

Taħrika ta' Kawża: **PULIŻIJA** Lil: **REDEEMER CAUCHI (239097M)** Vettura: **ICA831 SUZUKI**
Billi int akkużat talli fid-data, ħin u post hawn imsemmi
Data u Ħin: **Nhar it-18/5/2019 ghal habta ta`bejn 08:30pm u 08:45pm**

Post: **Triq Aldo Moro** Lokalita': **MARSA**

**(1) Soqt vettura bil-mutur jew vettura ohra bi traskuragni** ( Kap 65 Artiklu 15 (1) (a), (3) )

**(2) Soqt vettura bil-mutur jew vettura ohra b`mod perikoluz** ( Kap 65 Artiklu 15 (1 (a), 2) )

**(3) Soqt vettura bil-mutur jew vettura ohra b`nuqqas ta kont** ( Kap 65 Artiklu 15 (1 (a), 2) )

**(4) Hallejt il-vettura wehidha bla ma hadt prekawzjoni xierqa biex ma tigix imcaqalqa sakemm iddum nieqes jew hallejt il-vettura wieqfa fi triq jew li kienet immaniggata b`mod li tkun ta` xkiel bla bzonn jew ta` xi inkonvenjent ghall-pubbliku** ( L.S. 65.11 Artiklu 68 )

**(5) Waqt li kont qed issuq vettura bil mutur, u l-vettura kienet miexja, kellek persuna tinzel, titla jew tiddendel jew iggib ruhha b`mod li jista jikkawza perikolu jew biza lilhha nfisha jew lil haddiehor** ( L.S. 65.11 Artiklu 117 )

**(6) Ikkagunajt biza li ser tuza vjolenza kontra MALCOLM SCERRI jew kontra l-propjeta taghha jew kontra l-persuna jew il-propjeta ta` xi hadd mill-axxendenti jew dixxendenti ta` l-imsemmija persuna, ahwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1)** ( Kap 9 Artiklu 251 B (1) )

**(7) Heddidt bil-gebel jew bi hwejjeg ohra iebsin, jew waddabthom jew qbadt armi kontra n-nies, cioe` kontra MALCOLM SCERRI, minghajr ma dropt jew sawwat** ( Kap 9 Artiklu 339 (1)(b) )

**(8) Bhala persuna volontarjament ksirt il-paci pubblika u l-bon ordni b`ghajjat u storbju jew b`mod iehor** ( Kap 9, Artiklu 338 (dd) )

**(9) Armejt, tfajt, hallejt jew iddepozitajt xi zibel f`xi post pubbliku, triq, bahar jew spazju fil-miftuh li ghalih il-pubbliku ghandu access** ( L.S. 549.40 Artiklu 4 )

**(10) Ksirt kundizzjoni ta` sentenza moghtija lilek mill-Qorti, liema sentenza hija dik ta` DR.J.DEMICOLI LL.D DATATA 28/3/2019 U DAN BI KSUR L`ART 28A U 28G TAL KAP 9 TAL-LIGIJIET TA` MALTA** ( Kap 9 Artiklu 28 A )

**(11) Bhala persuna inti sirt recediv b`sentenza/i, liema sentenza saret definita u ma tistax tigi mibdula** ( Kap 9 Artiklu 49, 50 )

Semgħet u rat ix-xhieda miġjuba quddiemha u ċioe ix-xhieda ta' PS 267 A.J. Cassar (*affidavit*), PC 406 Sean Micallef, Spettur Matthew Galea (*affidavit*), PC 948 Christian Gauci (*affidavit*), Malcolm Scerri , Yesenia Maria Pace (Deputat Reġistratur) u tal-imputat innifsu.

Semgħet it-trattazzjoni finali.

Rat l-atti proċesswali inkluż l-atti tal-inkjesta *in genere* esebita mill-Avukat Ġenerali fid-29 ta' Ottubru 2019 permezz ta' nota.

Qed tagħti din is-

**Sentenza**

*Provi*

1. Mill-affidavit ta' **<u>PS 267 A.J. Cassar</u>** li ġie ippreżentat mal-att tal-komparixxi u notifikat lill-imputat, jirriżulta illi fit-18 ta' Mejju 2019, għall-ħabta tas-22:00, PC 948 C. Gauci informa lill-Pulizija li ċertu Malcolm Scerri (KI. 580881M) daħal fl-Għassa tal-Pulizija, Marsa, biex jirrapporta inċident li ġara fi Triq Aldo Moro, Marsa. Malcolm irrapporta li waqt li kien qed isuq il-vettura ILY-074, qabżitu minn warajh vettura oħra bin-numru ICA-831 (Suzuki), li bdiet issuq b'mod perikoluż u sserrep fit-triq. Malcolm stqarr li niżżel it-tieqa biex jistaqsi lix-xufier tal-vettura l-oħra jekk kellux bżonn xi għajnuna, iżda l-persuna fil-vettura l-oħra bdiet tgħajjat u tgħajjru. Aktar tard, meta daru ma' "Bezzina" fi Vjal il-Labour, Paola, ix-xufier tal-vettura ICA-831 ħa brake, ħareġ kanna sewda u spara fid-direzzjoni tiegħu. Wara li spara, ix-xufier ħarab minn fuq il-post. Malcolm qal ukoll li passiġġiera miegħu kien hemm ċertu Priscilla Gatt (KI. 329284M), li kien wassalha d-dar qabel ma ġie jagħmel ir-rapport. Meta l-Pulizija staqsew lil Priscilla dwar l-inċident, din kkonfermat il-verżjoni ta' Malcolm. Hija żiedet tgħid li Malcolm kien qed isuq bil-galbu, li r-raġel fil-vettura l-oħra beda joffendi lil Malcolm, u li meta daru ma' "Bezzina", semgħet ħoss qawwi u rat dħaħen qrib il-windscreen tal-vettura.

Ix-xhud informa lill-Ispettur M. Galea b'dan ir-rapprot, li kien inkarigat mill-Għassa dakinhar. L-Ispettur min-naħa tiegħu informa lill-Onor. Magistrat Joseph Mifsud, li fetaħ inkjesta. Saret spezzjoni fuq il-post tal-inċident, iżda ma nstabux marki ta' tiri jew evidenza bħal shell casings. Aktar tard, il-Pulizija arrestat lix-xufier tal-vettura ICA-831, identifikat bħala Redeemer. Waqt tfittxija fil-vettura tiegħu, instabu lembuba u pepper spray, li ġew elevati mill-Pulizija bħala evidenza. Wara dan, Redeemer ġie investigat mill-Ispettur M. Galea.

2. Fis-17 ta' Ottubru 2023 xehed **PC 406 Sean Micallef**, li kien maħtur bħala *Scene of the Crime Officer* mill-Maġistrat Inkwerenti. Dan ikkonferma r-relazzjoni tiegħu esebita a fol 14-26 tal-proċes-verbal.

3. Fl-istess data ġew esebiti l-*affidavits* ta' Spettur Matthew Galea u PC 948 Christian Gauci. **Spettur Matthew Galea** xehed fl-*affidavit* illi fit-18 ta' Mejju 2019, għall-ħabta tat-20:45, huwa ġie infurmat telefonikament minn PS 267 A. J. Cassar li kien daħal rapport dwar sparatura minn xufier ta' vettura Suzuki fuq taxi fi Triq Aldo Moro, il-Marsa. Ix-xhud ordna biex ix-xena tal-allegat reat tiġi ppreservata u beda jistabilixxi l-fatti. Scerri, li kien qed isuq taxi (ILY074) b'klijenta li kienet passiġġiera miegħu fuq wara tal-vettura, irrapporta li kellu inċident stradali ma' xufier ta' Suzuki Swift (ICA831). Ix-xufier tal-Suzuki Swift insulta verbalment lil Scerri, sparalu, u mbagħad ħarab lejn Albert Town. Wara l-inċident, Scerri wassal lill-klijenta tiegħu l-Fgura u mbagħad mar jagħmel rapport l-ewwel f'għassa oħra u finalment fl-għassa tal-Marsa. Ix-xhud intervista ħa dikjarazzjoni mingħand Priscilla Gatt (329284M), li kkonfermat li kienet passiġġiera fl-istess taxi. Priscilla stqarret li rat karozza Suzuki Swift (ICA831) tiġi qrib tat-taxi u x-xufier tagħha hedded li jispara b'revolver. Hija semgħet ħoss qawwi ("bang"), rat dħaħen ħdejn it-twieqi tat-taxi, u x-xufier tal-Suzuki Swift saq 'l hemm. Il-pulizija għamlet spezzjoni forensika fuq ix-xena u fuq il-vettura tat-taxi, iżda ma nstabu l-ebda sinjali ta' sparatura jew marki ta' skarigi ballistiċi. Ix-xhud ordna tfittxija għall-vettura ICA831 u x-xufier tagħha. L-imputat ġie arrestat fil-fond 65, Triq San Leonardu, iż-Żabbar. Waqt tfittxija fil-vettura tiegħu, instabu lembuba tal-injam, pepper spray,

pjanċa ta' reġistrazzjoni barranija, u joint suspettata tal-kannabis. Dawn ġew elevati bħala evidenza. Cauchi ċaħad li spara fuq it-taxi. Qal li kien ipponta lembuba lejn ix-xufier tat-taxi u li waqt il-konfront stradali, waddab flixkun tal-fwieħa lejn it-taxi. Waqt rikostruzzjoni fuq il-post, Cauchi indika l-flixkun li waddab, u ġew elevati biċċiet imkissra li kienu għadhom ifuħu. Cauchi rrifjuta assistenza legali waqt ir-rikostruzzjoni u l-interrogatorju. Ix-xhud ippreżenta diversi dokumenti, inklużi rapporti tal-pulizija, dikjarazzjonijiet tal-partijiet involuti, lembuba tal-injam, pepper spray, biċċiet imkissra tal-flixkun, u r-riżultati tat-tfittxija. Redeemer Cauchi *police bail* wara l-investigazzjoni.

4. Min-naħa tiegħu, **PC 948 Christian Gauci** xehed fl-*affidavit* tiegħu illi dit-18 ta' Mejju 2019, għall-ħabta ta' 20:30, waqt li kien xogħol fl-Għassa tal-Marsa irċieva rapport minn ċertu Malcolm Scerri (ID 580881M). Dan stqarr li kien qed isuq taxi (ILY074) fi Triq Aldo Moro, Marsa, meta karozza Suzuki Swift (ICA831) ta' kulur griż, li kienet qed tinstaq b'mod traskurat u taqsam minn lane għal lane mingħajr sinjali, waslet viċin tiegħu. Ix-xufier tas-Suzuki Swift fetaħ it-tieqa, hedded verbalment lil Scerri, u allegatament spara lejn it-taxi. Wara l-inċident, ix-xufier tas-Suzuki Swift saq f'direzzjoni kontra t-traffiku fi Triq Albert Town, Marsa. Scerri qallu li kellu passiġġiera fil-vettura tiegħu u kien konvint li saret sparatura fuq it-taxi tiegħu, għalkemm ma kien hemm l-ebda ħsarat viżibbli fuq il-vettura. PC948 uża s-sistema tal-pulizija biex jiċċekkja r-reġistrazzjoni tal-vettura ICA831, li kienet irreġistrata fuq Redeemer Cauchi (ID 239097M). Wara li ġie infurmat is-Surgent PS267 bir-rapport, PC948 spezzjona t-taxi ta' Scerri, iżda ma nstabu l-ebda ħsarat jew marki viżibbli. Fi Triq Aldo Moro, Marsa. PC948 u membri oħra tal-pulizija għamlu tfittxija għal xi evidenza bħal marki ta' tiri jew shell casings iżda ma nstab xejn. Wara struzzjonijiet tal-Ispettur M. Galea, PC948 flimkien ma' PS267 u membri tar-Rapid Intervention Unit marru fir-residenza ta' Redeemer Cauchi f'65, Triq San Leonardu, iż-Żabbar. Dan ġie arrestat u nfurmat bid-drittijiet tiegħu. Ġie infurmat ukoll li kienet ser issirlu tfittxija fil-vettura tiegħu (Suzuki Swift, ICA831), li kienet ipparkjata quddiem ir-residenza tiegħu. Cauchi stqarr li ma kien spara xejn, iżda li kien tefa' flixkun tal-fwieħa tal-ħġieġ lejn it-taxi. Fil-vettura Suzuki Swift (ICA831) instabu lembuba, pepper spray, u pjanċi b'numru ta'

reġistrazzjoni barrani. Cauchi imbagħad ittieħed fuq il-post tal-inċident fi Triq Aldo Moro, Marsa, fejn wera lill-Ispettur Galea fejn kien tefa' l-flixkun tal-fwieħa. Imbagħad dan ġie skortat lejn il-lock-up tal-Pulizija għal aktar investigazzjonijiet.

5. Fis-seduta tas-17 ta' Ottubru 2023 xehed **Malcolm Scerri**. Dan qal li jaħdem bħala *taxi driver* u kien għaddej bi klijenta tiegħu minn Triq il-Pont. Karozza oħra għaddiet minn ħdejh, ix-xufier tagħha niżżel it-tieqa, beda joffendih verbalment u beda jaqtagħlu t-triq b'mod intenzjonat. Meta kwaslu qrib il-pont il-ġdid li jagħti għal Ħal Luqa u Raħal Ġdid, ix-xufier tal-karozza l-oħra ħareġ "kanna" u spara lejn il-karozza tiegħu. Scerri qal li jidhirlu li dak li ħareġ kien senter. Meta mistoqsi jekk jagħrafx il-persuna l-oħra huwa qal li dan kien preżenti fl-awla u identifikah bħala l-imputat. Scerri qal li kompla jsuq, ħa lill-klijenta tiegħu d-dar għax kienet imwerwra mill-inċident u wara, mar jagħmel rapport fl-għassa tal-Qormi, u minn hemm inqeda mill-għassa tal-Marsa. Scerri stqarr li l-inċident kien ta' xokk għalih, iżda qal li ma kellu l-ebda interess iktar fil-każ u esprima x-xewqa li jaħfer lill-persuna involuta. Meta mistoqsi jekk jiftakarx xi dettalji oħra, Scerri qal li ma jistax ikun ċert jekk kienx hemm tir jew jekk l-oġġett li twaddab lilu kienx flixkun. Huwa qal li meta ra lix-xufier jippunta lejh b'kanna, huwa żamm brejk f'daqqa.

6. Fis-seduta tat-2 ta' Lulju 2024 xehed l-imputat **Redeemer Cauchi**. Dan qal li fid-data, lok u ħin indikati fil-komparixxi huwa kien qiegħed idur dawra bil-karozza biex it-tifel tal-mara tiegħu ikun jista' jorqod. It-tfajla tiegħu għamlet kumment dwar kemm kien ħelu t-tifel rieqed u waqt li ħares lura lejh għal ftit sekondi, f'salt wieħed għajtet waħda għax kien hemm vettura tat-tax li kienet ser tidħol fuqhom. L-akkużat qal li x-xufier tat-taxi ħariġlu s-suba' tan-nofs u għalhekk saq warajh u waddablu flixkun tal-fwieħa Calvin Klein li kien għadu kemm qala mingħand it-tfajla tiegħu. Skont l-akkużat, meta marru jarrestawh il-pulizija huma kienu armati għaliex ħasbu li kien armat. Hu ikkoperat magħhom u qallhom mill-ewwel li ma kellu l-ebda arma. Qal li l-unika ħaġa li kellu kienet biċċa injama li użaha biex ibeżża lix-xufier l-ieħor. Tenna li l-injama kienet żgħira u ħariġha a biex ibeżża' lix-xufier tat-taxi, iżda x-xufier l-ieħor mid-dehra ħaseb li kien

qed jippontalu xi arma tan-nar. L-akkużat spjega li kien qed jipprova jipproteġi lit-tifel ta' martu li għandu l-awtiżmu u li malli ħa break f'daqqa kien beda jwerżaq u jippanikja. L-akkużat qal li wara li tefa' l-flixkun, reġa' mar id-dar fil-Marsa biex it-tifel jikkalma. Qal ukoll illi meta ltaqa' max-xufier tat-taxi aktar tard, skużaw ruħhom ma xulxin.

7. Il-Qorti rat ukoll l-atti tal-inkjesta tal-*in genere* redatta mill-Onor. Maġistrat Joe Mifsud li ġew ippreżentati fl-atti tal-proċess, inkluż il-verżjoni li tat il-passiġġiera **Priscilla Gatt** bil-ġurament quddiem l-espert maħtur l-Avukat Richard Sladden (iżda mhux id-dikjarazzjoni li tat quddiem l-Ispettur billi din ma ġietx ikkonfermata minnha bil-ġurament lanqas quddiem il-Qorti).

*Kunsiderazzjoni: L-ewwel tlett imputazzjonijiet*

8. Dwar il-prova ta' sewqan b'mod traskurat, bla kont u b'mod perikoluż, il-Qorti tal-Appell Kriminali kienet qalet fis-sentenza mogħtija nhar is-6 ta' Mejju, 1997 fl-ismijiet '**Il-Pulizija v. Alfred Mifsud**' illi:

> "Sewqan traskurat (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragjonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola l-ksur ta' regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta ukoll ghal sewqan traskurat…sewqan bla kont hu sewqan bi traskuragni kbira u tinkludi kazijiet fejn wiehed deliberament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandux jiehu minhabba l-probabilta ta' hsara li tista tirrizulta lil terzi … sewqan perikoluz jirrekjedi li fil-kaz partikolari s-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi."

9. L-Artikolu 15(1)(a) tal-Kap. 65 jirreferi għal sewqan b'nuqqas ta' kont, bi traskuraġni, jew b'mod perikoluż. It-test Ingliż tal-liġi jirreferi għal sewqan "*in a reckless, negligent or dangerous manner*". Pero l-Artikolu 15(2) imbagħad jirreferi għal sewqan "bi traskuraġni kbira jew b'mod perikoluż" filwaqt li t-test Ingliż tal-Art. 15(2) jirreferi għal sewqan "*in a reckless or dangerous manner*". Huwa evidenti għalhekk illi bil-kliem "*sewqan bi traskuraġni kbira*" fl-Artikolu 15(2) il-leġislatur ried ifisser "*sewqan bla*

*kont*". L-iskwalifika iktar severa għal sewqan bla kont u sewqan perikoluż imposta fl-Artikolu 15(2) – b'differenza għal dik inqas severa għal sewqan traskurat imposta fl-Artikolu 15(3) – tirrifletti l-gravita' differenti illi l-leġislatur jattribwixxi għal dawn il-modi ta' sewqan.

10. Fis-sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija v. Jason Scerri**' (Qorti tal-Maġistrati Kumpilazzjoni Nru.: 1131/13 RM – deċiża 01/11/2018) il-Qorti qalet hekk:

> "Jinghad illi l-kuncett ta' sewqan perikoluz u sewqan bla kont ghalkemm mhux imfissra espressament fil-ligi taghna, huwa identifikabbli mal-kuncett ta' recklessness fil-ligi Ingliza fejn jinsab ritenut illi, sabiex jissussisti l-mens rea ta' recklessness, m'hijiex bizzejjed kondotta merament traskurata jew imprudenti izda wahda li timmanifesta non-kuranza totali ghar-riskji li johloq. Fil-kaz Quinn vs. Cunningham, Lord Justice-General Clyde fisser li sabiex tip ta' kondotta jikkwalifika bhala reckless jehtieg li jigi identifikat:- "… an utter disregard of what the consequences of the act in question may be in so far as the public are concerned. Il-Blackstone jaghmel referenza ghall-CPS Policy for prosecuting cases of bad driving biex ifisser mil-lenti tal-ligi Ingliza, x'tip ta' sewqan jista' jitqies b'success ghall-finijiet ta' imputazzjoni ta' sewqan perikoluz:- "… *racing or competitive driving; speed which is highly inappropriate for the prevailing road or traffic conditions; aggressive driving, such as sudden lane changes, cutting into a line of vehicles or driving much too close to the vehicle in front; disregard of traffic lights and other road signs, which, on an objective analysis, would appear to be deliberate; disregard of warnings from fellow passengers; overtaking that could not have been carried out safely; driving a vehicle with a load that presents a danger to other road users; where the driver is suffering from impaired ability such as having an arm or leg in plaster, or impaired eyesight; driving when too tired to stay awake; driving a vehicle knowing it has a dangerous defect; … … … or similar, in circumstances where the driver was avoidably and dangerously distracted by that*."
>
> Ferm il-konsiderazzjonijiet appena rapportati, huwa evidenti li d-differenza bejn l-addebitu tas-sewqan perikoluz u s-sewqan bla kont hija wahda ta' grad fejn, biex ir-recklessness manifestata fis-sewqan tilhaq il-grad ta' sewqan perikoluz, il-kondotta ghandha ggib maghha perikolu ghas-sigurta`

tal-pubbliku u/jew proprjeta`. Infatti, jigi osservat ghall-finijiet ta' piena l-legislatur taghna pogga s-sewqan bla kont u s-sewqan perikoluz fl-istess keffa."

11. Mill-provi jirriżulta lill-Qorti kemm mix-xhieda ta' Malcolm Scerri u dik ta' Priscilla Gatt illi wara l-inkontru inizjali, l-imputat saq b'mod perikoluż għall-aħħar b'mod intenzjonali sabiex jipprova jħabbtu billi beda jserrep minn *lane* għal oħra u jipprova jaqtalu t-triq tiegħu. Inoltre f'xi ħin, *ex-admissis,* l-imputat waqaf ħdejn il-vettura ta' Scerri u ppuntalu dak li għal Scerri deher li kien senter iżda li mbagħad irriżulta illi kienet lembuba. Sussegwentement wara theddida li ser jisparalu, l-imputat waddab flixkun tal-fwieħa lejn il-vettura ta' Scerri u l-ħoss tal-impatt tagħha kien tali illi ġiegħel lil Scerri u lill-passiġġiera li kienet riekba miegħu illi kien ġie sparat tir fid-direzzjoni tagħhom. Kienet x'kienet ir-raġuni li wasslet lill-imputat sabiex iġib ruħu b'dan il-mod, anke jekk b'xi mod kien hemm inizjalment xi sewqan bla galbu min-naħa ta' Malcolm Scerri, ma jista' jiġġustifika qatt l-aġir tal-imputat illi apparti li kien jikkonsisti f'sewqan perikoluż ma jistax ħlief jiġi deskritt bħala manuvra ta' bniedem illi kien tilef rasu u ċertament ma kienx postu fi triq dak il-ħin!

12. It-tieni imputazzjoni għalhekk tirriżulta ppruvata, bl-ewwel u t-tielet waħda ikunu assorbiti fiha.

*Kunsiderazzjoni: imputazzjonijiet preskritti*

13. Billi għaddew iktar minn tlett xhur mid-data tal-allegat reati sad-data ta' meta ġie notifikat bl-akkużi, l-imputazzjonijiet kontravvenzjonali ossia' dawk li jġorru n-numru erbgħa (4), ħamsa (5), sebgħa (7) u tmienja (8) huma preskritti bit-trapass taż-żmien.

*Kunsiderazzjoni: imputazzjoni numru sitta (6)*

14. Is-sitt imputazzjoni tirrigwarda r-reat ravviżat fl-Art. 251B(1) tal-Kap. 9 li jipprovdi kif ġej:

**"251B. (1) Persuna li l-imġieba tagħha tikkaġuna lil ħaddieħor jibża' li se tintuża vjolenza kontrih jew kontra l-proprjetà tiegħu jew kontra l-persuna jew il-proprjetà ta' xi ħadd mill-**

**axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1) tkun ħatja ta' reat jekk hija tkun taf jew imissha tkun taf li l-imġieba tagħha se tikkaġuna lil xi ħadd ieħor hekk jibża' kull darba minn dawk l-okkażjonijiet, u tista' teħel il-piena ta' priġunerija għal żmien minn sena sa sentejn jew multa ta' mhux inqas minn sitt elef u ħames mitt euro (€6,500) u mhux iżjed minn ħmistax-il elf euro (€15,000), jew dik il-multa u priġunerija flimkien".**

15. It-test Ingliż juża l-kliem *"course of conduct"* biex ifisser l-imġieba li jalludi għaliha l-leġislatur f'dan l-artikolu tal-liġi. Il-ġurisprudenza nostrana f'diversi okkażjonijiet elaborat dwar il-ħtieġa li jkun hemm *"course of conduct"* biex jissusisti dan ir-reat. Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Francis Xavier Micallef** (Qorti tal Maġistrati (Għawdex) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, 17/02/2011) il-Qorti għamlet riferenza għall-element ta' *course of conduct* fir-reati ta' fastidju u *harassment* kif kontemplati fl-artikoli 251A u 251B, liema insenjament japplika ugwalment għall-artikolu 251B(1) li ukoll jirrikjedi l-istess element:

"Illi l-imputat jinsab akkuzat ukoll bir-reat ta' l-hekk imsejjah "harassement" bil-vjolenza kif previst fl-artikolu 251B tal-Kapitolu 9. Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet il-Pulizija vs Raymond Parnis (per Prim'Imhallef Vincent DeGaetano 24/04/2009), il-Qorti tat definizzjoni ezawrjenti ta' dak li jikkostitwixxi ilharassement taht dina id-disposizzjoni tal-ligi. Il-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza taghha fil-fatt tissottolinja l-fatt illi l-kelma "imgieba" fit-test tal-ligi timplika "a course of conduct" u mhux xi incident wiehed izolat. Il-Qorti tistqarr:

*… illi dawn l-affarijiet kollha li sehhew fil-kuntest ta' incident wiehed – ma jistghu qatt jammontaw ghar-reat kontemplat fl-Artikolu 251B imsemmi. Dan ir-reat gie evidentement ispirat mill-Artikolu 4(1) tal-Protection from Harassment Act, 1997 tal-Ingilterra, liema artikolu jipprovdi testwalment hekk: "A person whose course of conduct causes another to fear, on at least two occasions, that violence will be used against him is guilty of an offence if he knows or ought to know that his course of conduct will cause the other so to fear on each of those occasions." L-Artikolu 251B taghna – u hawn il-Qorti ser tuza t-test Ingliz proprju biex wiehed ikun jista' jara x-xebh u fejn saru t-tibdiliet – jipprovdi, fis-subartikolu (1) tieghu, hekk: "A person whose course of conduct causes*

*another to fear that violence will be used against him or his property or against the person or property of any of his ascendants, descendants, brothers or sisters or any person mentioned in sub-article (1) of article 222 shall be guilty of an offence if he knows or ought to know that his course of conduct will cause the other so to fear on each of those occasions…" . Il-kliem "on each of those occasions" huma indikattivi li l-att materjali ma jistax isehh f'okkazjoni wahda izda jrid ikun hemm ghall anqas zewg okkazjonijiet – proprju kif jinghad fil-matrici Ingliza, "on at least two occasions". Ghal xi raguni – fil-fehma ta' din il-Qorti kompletament illogika – il-kliem "on at least two occasions thallew barra". Fi kliem l-edituri ta' Blackstone's Criminal Practice, 2008: "How separate the two occasions must be remains to be seen. The nature of stalking, the activity which primarily created the need for the new offences, might mean that the occasions are likely to be on separate days, although it may be possible to differentiate activities on one day where they can be viewed as not being continuous. The further apart the incidents, the less likely it is that they will be regarded as a course of conduct…It was recognised, however that circumstances can be conceived 'where incidents, as far apart as a year, could constitute a course of conduct'. The type of incidents would be those intended to occur on an annual event such as a religious festival or a birthday…"*

Din il-Qorti mhix ser tipprova taghti definizzjoni ezawrienti ta' x'jammonta ghal "course of conduct" ghall-fini tal-imsemmi Artikolu 251B(1) – u anqas ma hi ser tipprova telenka kazijiet, anke jekk biss bhala forma ta' ezempju, li jammontaw jew ma jammontawx ghal tali "imgieba", haga li trid tigi deciza minn kaz ghal kaz skond ic-cirkostanzi u bl-applikazzjoni ta' doza qawwija ta' saggezza min-naha tal-gudikant. Dak li qed jigi deciz f'din il-kawza hu biss li incident wiehed (u, per di piu`, ta' minuti) ma jammontax ghal "course of conduct" ghall-finijiet tal-Artikolu 251B(1). Inoltre huwa evidenti li l-vjolenza kontemplata fl imsemmi artikolu hija dik li talvolta tista' tigi perpetrata fil-futur u mhux dik li effettivament tkun giet kommessa. Il-vjolenza effettivament kommessa tigi punita taht disposizzjonijiet ohra tal-ligi." (Vide wkoll is-sentenza mogħtija fit-13 ta' Marzu, 2020, minn din il-Qorti hekk kif diversament ippreseduta, fl-ismijiet, Il-Pulizija vs Robert Ciappara)."

16. Applikat dan l-insenjament għall-każ in eżami, ftit hemm dubbju illi l-aġir li permezz tiegħu l-imputat ikkaġuna biża lil Malcolm Scerri li ser tintuża vjolenza kontrih ġara f'inċident **<u>wieħed</u>** biss u ċioe meta pponta dak li dehret li kienet arma (li sussegwentement irriżulta li kienet biċċa injama) u ftit sekondi wara waddablu flixkun

tal-fwieħa fid-direzzjoni tiegħu. Ċertament dan m'huwiex il-*course of conduct* li huwa meħtieġ għall-finijiet tal-artikolu in kwistjoni u għalhekk il-Qorti ma tistax ħlief tillibera lill-imputat minn din l-imputazzjoni.

*Kunsiderazzjoni: imputazzjoni numru disgħa (9)*

17. Din l-imputazzjoni tirriżulta ppruvata bix-xhieda mogħtija mill-imputat innifsu li ammetta illi waddab flixkun tal-fwieħa fid-direzzjoni ta' Malcolm Scerri b'mod illi dan spiċċa mal-art mkisser fit-triq.

*Kunsiderazzjoni: imputazzjoni numru għaxra (10)*

18. Il-Prosekuzzjoni ppreżentat vera kopja ta' sentenza li ngħatat minn din il-Qorti diversement presjeduta (mill-Maġistrat illum Onor. Imħallef Dr. Josette Demicoli) fit-28 ta' Marzu 2019 fil-konfront tal-imputat, liema sentenza skond ix-xhieda tad-Deputat Reġistratur Yesenia Maria Pace, ma ġietx appellata u għalhekk hija *res judicata.* Permezz ta' din is-sentenza il-Qorti kienet sabet lill-imputat ħati fost oħrajn illi ikkaġuna lil terza persuna biża li ser tintuża vjolenza kontrih b'theddida b'arma regolari u kkundannatu għal piena karċerarja ta' sitt (6) xhur, liema sentenza ġiet sospiża għal tmintax-il xahar ai termini tal-Art. 28A tal-Kap. 9. <u>**Inqas minn xahrejn wara**</u> l-imputat kien involut fl-inċident mertu ta' din il-kawża. M'hemmx dubbju għalhekk illi l-imputat huwa ħati ta' din l-imputazzjoni billi ai termini tal-Art. 28B(1) tal-Kap. 9 kiser il-kundizzjoni li ma jwettaqx reat ieħor fi żmien tmintax-il xahar mid-data tas-sentenza.

*Kunsiderazzjoni: imputazzjoni numru ħdax (11)*

19. Apparti li l-imputat huwa reċidiv ai termini tal-Art. 49 tal-Kap. 9, il-Qorti tista' tapplika ukoll żieda fil-piena bi grad wieħed stante illi r-reati ġew kommessi inqas minn ħames snin wara dawk li nstab ħati tagħhom fis-sentenza msemmija.

**Deċiżjoni**

**Għar-raġunijiet msemmija l-Qorti, filwaqt li tillibera lill-imputat mill-imputazzjonijiet numru erbgħa (4), ħamsa (5), sebgħa (7) u tmienja (8) stante illi huma preskritti u mill-imputazzjoni numru sitta (6) stante illi ma tirriżultax, wara li rat l-artikoli relevanti tal-liġi ossia' l-Art. 15(1)(a) tal-Kap. 65 (sewqan b'mod perikoluż), l-Art. 4 u 10 tal-**

**Leġislazzjoni Sussidjarja 549.40 u l-Art. 28B, 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, issibu ħati tal-bqija tal-imputazzjonijiet u tikkundannah iħallas multa komplessiva fl-ammont ta' elf u mitt euro (€ 1,100). Fir-rigward tal-imputazzjoni numru għaxra (10) tordna illi s-sentenza sospiża ta' sitt xhur mogħtija minn din il-Qorti diversement presjeduta fit-28 ta' Marzu 2019 fil-konfront tal-imputat tidħol fis-seħħ. Fir-rigward tal-imputazzjoni numru ħdax (11) tagħżel illi ma tapplikax żieda fil-piena minkejja r-reċidivita' tal-imputat. B'żieda mal-piena l-Qorti qegħda tapplika d-disposizzjoni tal-Art. 15(2) tal-Kap. 65 billi tiskwalifika lill-imputat milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan għal żmien disgħa (9) xhur.**

| | |
|---|---|
| **V.G. Axiak** | **Y.M. Pace** |
| **Maġistrat** | **Dep. Reġistratur** |